MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 206/2000/1

**Jude Degiorgio**

**vs**

**Stephen Degiorgio**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 3 ta' Frar 2000 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-30 ta' Lulju 1989 kif jindika c-certifikat taz-zwieg anness bhala Dok "A", u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija

psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u ghad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati **fl-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet,** iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-30 ta' Lulju 1989 huwa null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-**artikolu 19 (d), (f) (h) tal-Att XXXVII tal-1975 tal-Ligijiet ta' Malta**.

2. Tordna li dina n-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbali tal-31 t'Ottubru 2000 fejn l-attrici tat ruhha b'notifikata bl-avviz tas-smiegh tal-kawza, filwaqt li l-konvenut ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza u nghata kopja tal-istess seduta *stante*. Il-Qorti nnominat lil Dr. Deborah Huber bhala Perit Legali.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-7 ta' Novembru 2000 a fol. 10 fejn gie eccepit:-

1. Illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tippronunzja l-annullament pero' ghal motivi attribwibbli lill-attrici.

2. Illi l-kunsens tal-partijiet kien eskluz minhabba zball fuq l-identita' tal-parti l-ohra, **artikolu 19 (1) (b) Kap 255.**

3. Illi l-kunsens tal-attrici kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, **artikolu 19 (1) (d) Kap 255.**

4. Illi l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-attrici jew fl-aghar ipotezi ghall-konvenut ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet li t-tnejn kienu jahtu ghat-twettieq ta' dan iz-zwieg.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 10 u 11 tal-process.

Rat il-verbal tal-14 ta' Frar 2001.

Rat in-nota tal-attrici datata 6 ta' Lulju 2001 li permezz taghha esebiet l-affidavits ta' Grace Gatt u Jean Bonnici.

Rat il-verbali tas-17 ta' Settembru 2001; tat-2 ta' Novembru 2001; tat-22 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; u tat-22 ta' Mejju 2002 fejn inghata digriet affidavit lill-konvenut b'terminu ta' erbghin (40) gurnata.

Rat in-nota tal-konvenut datata 18 ta' Lulju 2002 li permezz taghha pprezenta affidavit tieghu stess.

Rat il-verbali tas-7 ta' Novembru 2002; tas-6 ta' Marzu 2003; u tas-27 ta' Marzu 2003 fejn il-Perit Legali Deborah Farrugia kkonfermat ir-rapport taghha bil-gurament.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali u s-seduti minnha mizmuma, ix-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat il-verbal tat-28 ta’ Mejju 2003 fejn id-difensuri rrimettew ruhhom ghar-rapport, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 26 ta’ Frar 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi fis-seduta tas-17 ta’ Jannar 2001 xehdet l-**attrici** u tghid li meta bdiet tohrog mal-konvenut hija kellha tnejn u tletin (32) sena u l-konvenut kellu wiehed u tletin (31) sena. L-gherusija damet xi erba’ snin u tul dan iz-zwien huma kienu johorgu ma’ grupp ghaliex kellhom *common friends*.

Illi l-attrici tghid lir-relazzjoni taghhom dejjem kienet ftit turbulanti mill-bidu. Tispjega li fl-ewwel *date* illi kellhom, il-konvenut kien staqsa lill-attrici sabiex imorru jaraw il-*Musuem of Fine Arts*. L-attrici kienet marret ghal din il-laqgha izda l-konvenut baqa’ ma giex. Hija ma qaltlu xejn u meta rega’ staqsiha sabiex johorgu hija qaltlu, *“mhux terga’ ma tigix bhad-darba l-ohra.”* Huwa kien sorpriz hafna u qal illi lanqas biss kien jaf illi xi darba kellhom jiltaqghu u huwa ma giex u halliha tistenna. L-attrici bdiet tinduna li l-konvenut kien jinsa hafna. Tghid: *“Wara bdejt ninduna illi kien jinsa hafna per ezempju kien imur gurnata tard ghal xi party, jew gurnata qabel, jew jinsa fejn huwa l-post. Jiena kont nahseb illi kien minhabba illi kellu hafna studju u ghalhekk ma jkunx ta’ hafna mportanza. Din kienet tigri spiss. Gieli anki gie xi saghtejn tard jiltaqa’ mieghi, gieli kont nitlaq u kien jiehu ghalih. Din grat spiss.”*

Illi hija tghid li peress li l-konvenut kien qed jistudja matul l-gherusija kienu johorgu xi darbtejn fil-gimgha biss.

Illi dwar il-karattru tal-konvenut tixhed: *“Niftakar illi darba waqt l-gherusija kont tajtu figolla. Huwa kien irrabja u ma riedx jehodha ghaliex qal illi m’ghamiltHiex jiena …..*

*Darba waqt l-gherusija f'Valentine's Day kont hrigt pjanta u huwa kien ghaddiha minn mikroskopju u skrutinaha ghaliex sab toqba f'wahda mill-weraq u qalli: "inti ma tafx taghzel," u jmissni qghadt attenta."*

Illi l-attrici tirrakkonta meta l-konvenut kien nesa jibaghtilha kartolina tal-*birthday*. Xi zmien wara kienet sabet kartolina ghal *ex-girlfriend* tieghu. Tghid: *"Jiena ddispjacini ghaliex tal-ex-girlfriend ftakru u tieghi le …"*

Illi hija tghid li l-konvenut kien dejjem jikkritikaha, fuq il-hwejjeg li tilbes, fuq il-hxuna taghha, fuq kif titkellem u jwaqqaha ghac-cajt quddiem in-nies. Ghall-konvenut hija kienet taghmel kollox hazin. Fil-fatt darba waqt l-gherusija huma kellhom argument fuq dan u kienu nfirdu ghal xi zmien. Tghid*: "… qalli illi huwa kien jikkritikani sabiex jiena nimmeljora ghaliex jekk jghidli kollox tajjeb kont nitla' fuq rasu."*

Illi l-attrici tghid li fi sitt snin ta' gherusija l-kontendenti kienu nfirdu xi sitt darbiet jew aktar.

Illi tixhed li l-konvenut kien *moody* hafna. Tghid li gieli meta kienu johorgu kien jorqod fil-kumpanija taghha u hija kienet tahseb li kien ghajjien minhabba l-istudju.

Illi l-attrici tixhed li huma kienu johorgu spiss fi grupp tal-hbieb. Tghid: *"Jiena u huwa ma konniex qisna koppja, kellna qisu distakk u jiena kont nghidlu sabiex noqoghdu iktar flimkien wahedna. Konna qisna koppja pero' m'ahniex."* Tixhed li gieli l-konvenut kien jehodha darba fil-*weekend* ma' hbieb tieghu xjuh u kollha rgiel u kienu jaghmlu serata flimkien. Huwa kien jghidilha li jekk ma tmurx mieghu, huwa kien xorta jmur wahdu.

Illi dwar l-imgieba tal-konvenut tghid: *"Meta kont nghidlu sabiex inqattghu aktar zmien flimkien kien jghidli illi huwa kien jaghtini hafna hin. Kien anki fil-prezenza tal-hbieb lanqas biss izommli jdejja jew juri xi affezzjoni u meta nghidlu kien jghidli illi huwa ma riedx juri s-sentimenti tieghu quddiem haddiehor specjalment il-hbieb, ghaliex*

*dan kien private."* Hija tghid li l-konvenut gieli kien bniedem b'affezzjoni u gieli kien ikun *very cold*.

Illi tkompli tixhed li l-konvenut kien bniedem indeciz hafna, minn affarijiet zghar ghal kbar. Tixhed: *"Kien ighidli illi kien indeciz ukoll fuq ir-relazzjoni taghna."*

Illi fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2001 l-attrici tkompli tixhed u tghid li wara xi erba' jew hames snin f'din ir-relazzjoni, il-kontendenti iddecidew li jitgharsu. Tghid: *"Meta wasal iz-zmien tal-gherusija beda jhossu ndeciz u jiena kont mort u hassart l-inviti u lill-father u kollox ghaliex kien kollox ippreparat. Huwa kien qalli illi ma jafx x'irid jaghmel u qieghed ihossu konfuz. Wara illi hassart kollox u jiena ghidtlu illi ghamilt hekk, l-ghada qalli illi jiena allura ma kontx inhobbu u lanqas interessata fih la hassart kollox hekk malajr."* Il-kontendenti fil-fatt tgharrsu xi erba' xhur wara dan l-incident.

Illi tixhed l-attrici li wara xi sena t'gherusija l-kontendenti kienu zzewgu. Tispjega pero` li xi gimgha qabel it-tieg il-kontendenti kellhom argument u l-attrici kienet telqet lill-konvenut. L-argument kien fuq il-fatt li l-attrici kienet ma tiflahx u riedet tmur id-dar u l-konvenut halliha tistenna siegha u nofs u hija qabdet u telqet. Tghid: *"hassejt illi l-affarijiet tieghu kienu aktar importanti minni."* B'dan kienet qalet lil Doris Cousin. Xi jiem wara l-konvenut kien cempel lill-attrici sabiex jirrangaw.

Illi l-attrici tixhed li f'argument li kellha mal-konvenut hija qalet: *"you go your way, I go mine" jekk inti m'intix cert mir-relazzjoni. Huwa kien irrisponda illi issa tard wisq ghaliex diga' xtrajna l-affarijiet ghad-dar."*

Illi hija tkompli tixhed li qabel iz-zwieg il-partijiet kienu flimkien marru diversi drabi *counselling* ghand Dr. Joseph Borg ta' Cana Movement u ghand Fr. Shields. Kienu attendew minhabba li l-attrici kienet thoss li l-konvenut kien negattiv lejn il-hajja u kien indecizi fuq ir-relazzjoni taghhom. Hija tghid li Fr. Borg fil-fatt issuggerixxa li jinfirdu ghal ftit zmien u hekk ghamlu ghal xi tliet jew erbat ijiem u mbaghad il-konvenut kien ikkomunika maghha.

Illi dwar il-konvenut tghid li huwa kellu *a difficult childhood*. Tghid: *“Huwa kien qalli illi meta kien tifel u jkun imqareb il-genituri tieghu kienu jsakkruh fit-toilet u jitilqu ’l barra u jhalluh hemm. Huwa kien dejjem ihossu wahdu.”* Wara z-zwieg din l-problema fit-trobbija tieghu baqghet taffetwah. Infatti kien johlom ikrah, u cjoe` illi xi rgiel kienu jigru warajh.

Illi hija tghid li meta hi saret taf lill-konvenut huwa kien jghix ma’ huh. Il-genituri tieghu kienu ghaddejjin minn perjodu nstabbli fiz-zwieg taghhom. Dak iz-zmien il-konvenut ma kienx ikellem lil missieru.

Illi l-attrici tghid li meta zzewgu l-problemi bdew immedjatament. Huma regghu attendew *counselling* ta’ Cana fuq il-kwistjoni tal-flus. Tixhed: *“Jiena kont nahdem dak iz-zmien u kont nghidlu sabiex indahhlu d-dhul kollu taghna go “joint account” u inhallsu kollox minn hemm pero’ ma riedx.”*

Illi l-attrici tghid li kellhom problemi fuq il-qtates ukoll ghaliex il-konvenut kien jaf li hija kienet allergika ghall-qtates izda l-konvenut kien izomm xi disa’ qtates. F’zewg okkazjonijiet il-konvenut mietulu zewg qtates u minflok jidfinhom kien ghamilhom gewwa l-*freezer* u hallihom xi xahar.

Illi fis-seduta tad-9 t’April, 2001 regghet xehdet l-attrici u tispjega li l-argumenti fuq il-finanzi kienu minhabba li l-konvenut jivversa Lm2.00 kuljum/jew kull tliet ijiem jew Lm3.00 fil-gimgha. Din dejjem kienet somma mizera. Il-konvenut kien jghidilha li ma ghandux flus, imbaghad minghajr ma jikkonsultaha, imur jixtri kotba u ornamenti antiki li ma kellhomx bzonn.

Illi fuq l-attitudni negattiva tal-konvenut l-attrici tghid li dejjem ried kollox jghaddi tieghu, minghajr ma jikkonsultaha. Anzi kien jikkonsulta ruhu maz-zija tieghu jew mal-kugina ta’ missieru u anke kien jehodhom mieghu.

Illi fuq ir-relazzjoni sesswali tal-kontendenti l-attrici tixhed li l-konvenut kien dejjem mohhu fl-istudju u dejjem kellu x'jaghmel. Hafna drabi kien jidhol jorqod f'xi 3:00 am jew l-4:00 am. Tghid: *"Huwa ma tantx kien jersaq lejja sesswalment; xi darba jew darbtejn fix-xahar u dana f'xi sitt xhur wara z-zwieg. Wara sitt xhur huwa beda 'jikkuwlja' sesswalment. Jiena kont nghidlu illi sabiex izzewigt u bqajt wahdi ma taghmilx sens. Jiena ridt companionship, nohorgu flimkien u naghmlu affarijiet flimkien … Meta kont nersaq lejh jiena sesswalment kien ighidli, "mela ghandek aptit taghmel il-pastazati," u jiena kont nirrabja jew, "hallini ghaliex ghandi x'naghmel. Jiena kont inhoss illi l-affarijiet tieghu kienu jigu dejjem qabli u qabel iz-zwieg taghna."*

Illi l-attrici tixhed li l-konvenut minn dejjem kien *moody* izda immedjatament wara z-zwieg huwa beda juri sinjali ta' *depression*. Hija tispjega li l-konvenut ma kienx irid iqum mis-sodda, sabiex jinhasel kellha tisfurzah, u ma kienx irid illi l-attrici tahsillu l-hwejjeg mahmugin tieghu. Eventwalment il-partijiet marru ghand tobba, ghand il-psikjatra Dr. George Debono, ghand Dr. Eric Scerri u ghand Dr. Bonnici Mallia li ordnawlu jiehu xi pilloli ghad-*depression*. Il-konvenut dejjem irrifjuta jiehu l-pilloli preskritti.

Illi fuq tfal hija tghid hekk: *"Huwa kien dejjem ighidli illi jekk ma jkollniex tfal kien jitlaqni."* Il-kontendenti kienu marru ghand Jane Azzopardi, *social worker*, sabiex jaddottaw. Jane Azzopardi kienet qaltilhom sabiex jaghmlu *fertility test* fejn irrizulta li l-konvenut kellu *low sperm count* u kellu xi kimika nieqsa illi tikkawza *depression* u tnehhilu l-hajra ghas-sess. Il-konvenut kien irrifjuta li jmur ghal kura. Tghid: *"Jiena qabel iz-zwieg ghidt lil Stephen sabiex naghmlu fertility test. Jiena ghamiltu u kollox kien sew izda huwa ma riedx u fil-fatt m'ghamlux. Huwa kien staqsieni jekk inkunx irrid naddotta tfal jekk ma jistax ikollna. Jiena kont ghidtlu iva, pero' nippreferi t-tfal tieghi."*

Illi fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2001 regghet xehdet l-attrici u tghid: *"Meta kont insemmi tfal, ghalkemm kien ighidli illi xtaq jaddotta, jiena ma rajtx interess jew entuzjazmu lejn*

*it-tfal. Meta jkun hemm it-tfal ta' huti prezenti kien jarani nilghab maghhom u jghidli illi qisni 'belha'. Huwa ma tantx kien jilghab maghhom anzi kien jipprova jevitahom u ma jkunx irid johrog ghaliex kien jghid illi jistorduh."*

Illi l-attrici tghid li l-konvenut dejjem kien negattiv dwar il-problema tat-tfal u qatt ma ha ebda inizjattiva. F'dan il-perjodu l-kontendenti bdew ma jikkomunikawx aktar u mbaghad il-konvenut kien telaq mill-kamra tas-sodda xi sentejn qabel ma fil-fatt telaq mid-dar. Xi disa' xhur qabel ma telaq kien jiekol u jorqod ghand ommu. Il-konvenut telaq mid-dar konjugali fl-1995. Dan iz-zmien l-attrici kienet thoss illi l-konvenut kellu relazzjoni ma' mara Taljana li maghha kien jiddiskuti kwistjoni personali tal-kontendenti.

Illi l-attrici tghid: *"Kont inhossni qisni ma nezistix f'dan iz-zwieg, kollox li jrid huwa. Kien ikun helu mieghi biss jekk ikollu bzonn xi favur jew xi flus u dana tul iz-zwieg kollu."*

Illi fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2002 xehed **A.I.C. Felix John Sciberras**, prodott mill-attrici, li jghid li huwa hu l-attrici. Huwa u ohtu, Jean kienu gharajjes fl-istess zmien li kienet gharusa l-attrici u ghalhekk kienu johorgu flimkien fl-attivitajiet varji bhala koppji. Huwa ghamel zmien jistudja l-komportament tal-kontendenti. Jghid*: "Ohti Jude dejjem uriet aktar favur fir-relazzjoni minn Stephen bhal li jzomm id f'id u karezzi u affarijiet bhal dawn kienu dejjem gejjin min-naha ta' Jude u mhux Stephen forsi ghaliex kien misthi pero' l-iktar affarijiet li tawni fastidju kienu dawk l-okkazjonijiet fejn kull ma tghid Jude kien iwaqqaghlha kliemha u jwaqqaghha ghac-cajt. Huwa qatt ma ta kumplimenti fir-rigward ta' Jude. Lejn haddiehor kien komplimentuz."*

Illi x-xhud jghid li r-relazzjoni tal-kontendenti qatt ma raha bhala normali u dana ghaliex kienet *a one sided relationship*. Il-konvenut kien passiv hafna u ma kienx hemm tqassim ta' ideat. Jghid li l-konvenut qatt ma qajjem is-suggett taz-zwieg jew wera xi hajra ghaz-zwieg *nonostante* l-eta' kbira taghhom. Jghid li meta kien hemm

xi tfal prezenti l-konvenut kien passiv u bla hegga fir-rigward taghhom.

Illi x-xhud jghid li l-konvenut ma kellu ebda karezzi mal-attrici u ma kienx jidher komdu fir-relazzjoni. Meta l-familja tal-attrici kienu jsemmu dawn il-fatturi fil-karattru tal-konvenut, l-attrici kienet tghidilhom li huwa kien hekk minhabba *upbringing* tieghu u li hija kienet sejra tbiddlu.

Illi x-xhud jiftakar li xi zmien vicin iz-zwieg tal-kontendenti l-attrici kienet hassret minn mal-konvenut.

Illi x-xhud jixhed li l-konvenut kien juri hafna attenzjoni fil-qtates tieghu. Kien fil-fatt affaxxinat bihom. Waqt li l-attrici, li kienet issofri hafna minhabba *hayfever*, kellha tghix gewwa dar ma' hafna qtates. Jghid: *"Stephen kellu attegjament li l-ewwel il-qtates u mbaghad Jude … Naf li darba mietlu qattus u Stephen ghamel f'qalbu. Huwa kien frizah gewwa l-freezer tal-kcina."*

Illi x-xhud ikompli jghid li wara z-zwieg l-atteggjament tal-konvenut flok tjiebet mar ghall-aghar. Il-komportament tieghu ta' passivita' u disinteress fl-attrici kiber tant li anke fic-celebrazzjonijiet tal-familja beda jidher anqas u anqas. Il-kontendenti kien ikollhom glied fuq l-ghamara antika u fuq il-kotba li kien jixtri l-konvenut u dan ghaliex kien jonfoq flus fuq dawn l-affarijiet minflok fuq affarijiet ohra ta' aktar necessita`. Jghid li l-konvenut kien ghamel kollox kif ried huwa, inkluz it-tizjin tad-dar. Jghid: *"Il-karattru tieghu mar ghall-aghar wara z-zwieg. Il-kritika tieghu wara z-zwieg zdied ukoll."*

Illi x-xhud jghid li mill-bidu nett tar-relazzjoni l-konvenut kellu *backseat approach* u halla c-cirkostanzi jmexxuh. Dwar il-kontendenti jghid li kien hemm inkompatibbilta' kompleta fil-koppja rigward gosti u ntellett (huwa akkademiku hafna u kien jara lill-attrici inferjuri fl-intellett).

Illi jkompli jghid li l-konvenut qatt ma ha inizzjattiva jew jadottaw tfal u huwa qatt ma wera nteress.

Illi fis-seduta tat-13 ta’ Gunju 2002 xehed **il-konvenut.** Jghid: *“Il-karattri taghna huma inkompatibbli primarjament ghaliex l-attrici ghandha karattru testard hafna u rasha iebsa, b’rizultat li ma tantx nista’ nesprimi l-opinjoni jew ix-xewqa tieghi, f’certi affarijiet.”*

Il-konvenut jixhed li gimgha wara z-zwieg kien beda l-inkwiet bejniethom. L-ewwel problema kienet fuq il-finanzi. L-attrici wara li zzewgu deherilha li l-konvenut kellu jibqa’ jsostni dawk l-ispejjez tad-dar li kien ihallas meta kien jghix wahdu. Huwa ma accettax ghaliex it-tnejn kienu jahdmu u ghalhekk kellhom jaqsmu l-ispejjez bin-nofs. Qabel iz-zwieg huma qatt ma tkellmu fuq finanzi.

Illi l-konvenut jixhed ukoll li matul iz-zwieg il-kontendenti kellhom kontijiet bankarji separati u kienu jhallsu ghall-affarijiet separatament.

Illi l-konvenut jixhed: *“Jiena ma nafx li kont indeciz dwar iz-zwieg u ma nafx li jiena hassart xi gherusija. Naf li pposponejna d-data ta’ l-gherusija pero’ ma nafx ghaliex. Nahseb min-naha tieghi, ghaliex ma kontx lest finanzjarment minhabba l-fatt li ftehemna li wara sena ta’ gherusija, ahna konna sejrin nizzewgu.”*

Illi l-konvenut ikompli jispjega li t-tieni problema kienet li l-attrici kienet taghmel paragun tieghu ma’ hutha rgiel mizzewgin. Jghid li l-familja tal-attrici kienu jiltaqghu kull *weekend*. Kienet rari l-okkazjoni meta l-partijiet kienu johorgu wehedhom. Il-konvenut kien ihossu qisu *tagging along*. Jixhed: *“Jiena kont ghidt lill-attrici bis-sitwazzjoni li kienet qed idejjaqni ghaliex jiena ndunajt li kien hemm ragunijiet ulterjuri li huwa li tiddividi l-hin taghha mal-genituri li dejjem kienu prezenti u specjalment in-neputijiet. Hija kienet dejjem tigi tard fil-ghaxija d-dar, ghaliex wara x-xoghol fis-7:00 pm kienet dejjem tghaddi d-dar tal-genituri jew hutha qabel ma tirritorna d-dar.”* Huwa kien jahdem bhala ghalliem u ghalhekk kien jasal id-dar fis-2:30 pm. Imbaghad kien joqghod sas-6:00 p.m. il-bibjoteka l-Belt, bhala studju, imbaghad imur lura d-dar f’xi 6:00 pm. Hija kienet tasal xi t-8:00 p.m./8:30 p.m./9:00 p.m.

Illi fis-seduta tal-14 t'Ottubru 2002 kompla jixhed il-konvenut. Jghid: *"Jiena bdejt nara li l-family loyalty baqghet lejn il-familja originali taghha u mhux lejn din il-familja li giet iffurmata."* Huwa jispjega zewg episodji f'dan ir-rigward: *"Niftakar li kull sena hija kienet tahdem tul it-'trade fair' fil-business tal-familja taghhom u tigi fit-tard, jiena tlabtha biex ma taghmilx dan izjed u sabiex tigi sostitwita minn hutha pero' hija m'accettatx. It-tieni ezempju huwa meta jiena xtaqt nixtri karrozza second hand, hija ddiswaditni sabiex wara tliet xhur, l-istess karozza nxtrat minn ohtha."*

Illi fuq il-finanzi taghhom wara z-zwieg, il-konvenut jghid li kienu separati, hlief xi affarijiet ta' nfieq komuni. Il-prijoritajiet tal-attrici kienu differenti minn tal-konvenut.

Illi jghid: *"Apparti li kellna finanzi personali, l-agenda personali taghna wkoll baqghet diviza. Konna nghixu taht saqaf wiehed izda kien disgwid principali bejnietna. Jiena kont naraha harba wara x-xoghol li jispicca xi s-7:00 pm. Kienet tmur ghand ommha dejjem u hutha, l-aktar li kellhom it-trabi, ghaliex kienet thobb it-tfal."* Jispjega li l-hrug taghhom kien jikkonsisti fil-*weekend* meta huma kienu jmorru ghand hut l-attrici jew il-genituri taghha.

Illi dwar il-hajja ntima tal-kontendenti l-konvenut jghid li din kienet tezisti fil-bidu taz-zwieg, cjoe' l-ewwel hames jew sitt xhur. L-ahhar sentejn kienu jghixu fl-istess dar izda gewwa kmamar differenti. Jghid: *"L-argumenti principali taghna kienu fuq il-familja taghha u r-relazzjoni ta' mizzewgin kienet inezistenti."*

Illi l-konvenut xehed ukoll permezz ta' affidavit bl-Ingliz, fejn spjega li l-attrici qatt ma fehmet l-obbligazzjonijiet li jgib mieghu z-zwieg. Principalment jghid li l-attrici dejjem riedet kollox jghaddi taghha. Imbaghad jixhed: *"She never had a feeling of living in a partnership but preferred acting as if we were two separate persons living together."* Jispjega dwar il-kwistjoni tal-finanzi li kellhom.

Illi dwar il-familja tal-attrici jghid: *"… my ex-wife's uncompromising loyalty to her parents, brothers and sisters…..at the expense of our own married union and privacy…..She never found time for us alone…..Her attachment to her kinsfolk was so complete that hardly a day passed without her going to see her parents, married brothers or sisters. It was certainly very disappointing having to spend most of the evenings at home on my own…..Her important decisions were taken after consultation with her family and not with me."*

Illi fis-seduta tad-19 ta' Frar 2003 xehed in kontro-ezami l-konvenut. Jghid li huwa dilettant tal-antikita' u kien jixtri xi affarijiet zghar tal-antikita u anke kotba. Jghid li huwa ma kienx jonfoq il-paga tieghu biss fuq antikita' u kotba.

Illi dwar ir-relazzjoni tal-partijiet jixhed *"li wahedna bhala koppja ftit kellna ghaliex konna inkunu jew ghand il-familja taghha jew mal-hbieb tieghi."* Jispjega li l-attrici kienet tmur ghand il-familja taghha wara x-xoghol u huwa kien jaghmel ricerka u jistudja hinijiet twal. *"… nghid li l-hajja bhala familja kienet inezistenti."*

Illi fuq il-hajja sesswali jghid li din kienet problema dejjem prezenti izda mbaghad aggravat. Jghid: *"Ghalkemm ahna konna nghixu taht l-istess saqaf, kulhadd kien ighix hajtu separata. Din giet naturali u ma ddiskutejnihiex."*

Illi l-konvenut jghid li matul iz-zwieg huma kienu marru ghand xi *counsellor* minhabba l-problemi li kellhom fiz-zwieg. Jghid li huwa kien sar riservat u mbaghad inghalaq kompletament u waqa' *f'depression.* Jiftakar li mar ghand Dr. George Debono, psikjatra, sabiex jiehu *sick leave* ta' sitt xhur sabiex ma jmurx ghax-xoghol. Dr. Eric Scerri kien qallu jiehu xi pilloli izda huwa qatt ma hadhom. Ma jiftakarx lil Dr. John Bonnici Mallia u lanqas Dr. Hermann Farrugia.

Illi l-konvenut xehed li huwa kellu trobbija difficli hafna.

Illi jixhed li huwa ma kienx jikkomunika ma' hadd, la mal-mara u lanqas ma' haddiehor. Kellu habiba Taljana u

lanqas lilha ma kien ikellem fid-dettal fuq il-problemi taz-zwieg. Jghid: *"Din il-problema tieghi li jiena riservat probabbilment harget mit-trobbija tieghi ghaliex qatt ma sibt lill-genituri fil-mument ta' bzonn."*

Illi jixhed li huwa jhobb hafna l-annimali. Jghid: *"Darba kelli qattus personali tieghi li miet u ffrizajtu fil-freezer tal-kcina u mbaghad dfintu fil-gnien pubbliku. Dan dam xi tliet ijiem fil-freezer. Jiena kont naf li l-qtates idejqu hafna lill-mara. Wara z-zwieg baqghu hemm bhal ma kienu qabel ma giet il-mara. Hija kienet taf bihom. Il-qtates kienu hemm qabel ma giet il-mara."*

Illi l-konvenut jixhed li qabel iz-zwieg huma qatt ma tkellmu la fuq flus, la annimali u lanqas tfal. Lanqas ma ddiskutew responsabbiltajiet u obbligazzjonijiet fiz-zwieg.

Illi jixhed: *"Jiena kelli sebgha u tletin sena meta zzewwigt. Il-mara kellha 38 sena. Nahseb li l-etajiet taghna kienu fattur li gieghelni nghid, "either I settle down now or I never will" u ghalhekk kien fattur ewlieni fid-decizjoni tieghi li nizzewweg."*

Illi x-xhud **Grace Gatt**, prodotta mill-attrici, xehdet permezz ta' affidavit u qalet li hija oht l-attrici. Huma familja ta' tmint itfal. Hija taf li l-partijiet kienu johorgu ma' grupp hbieb.

Illi x-xhud tghid li wara z-zwieg il-konvenut kien dejjem isib id-difetti tal-attrici. Huwa kien iqatta' hafna hin mal-hbieb tieghu u ftit hin mal-attrici. Huwa qatt ma kien jiehu l-opinjoni tal-attrici dwar decizjonijiet fid-dar.

Illi hija tixhed li l-konvenut ma kien juri l-ebda affezzjoni u l-ebda emozzjoni lejn l-attrici. Il-konvenut pero` kien iffissat fil-qtates u kien jaghtihom hafna mportanza. Tghid: *"Dakinhar kien impressjonani ghax tant kien imbikkem li harablu dan il-qattus li jien ma rajthiex normali."*

Illi x-xhud **Jean Bonnici**, prodotta mill-attrici, xehdet permezz ta’ affidavit u qalet li hija oht l-attrici. Tixhed li tiftakar l-partijiet jinfirdu kemm-il darba waqt l-gherusija.

Illi tixhed li l-konvenut kien dejjem imaqdar u jsemmi d-difetti tal-attrici, filwaqt li kien dejjem ifahhar lil haddiehor.

Illi tghid: *“Stephen qatt ma kien juri affezzjoni lejn Judy u meta kienet tmur tghanqu kien iressaqha ‘l hemm u jghidilha biex ma toqghodx tippurcinella … . Qatt ma ried izommilha jdejha fil-pubbliku. Kien donnu jisthi jkun ma Judy fil-pubbliku.”*

Illi fuq tfal tghid li l-konvenut kien ikun skomdu fil-prezenza tat-tfal.

**(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi l-attrici fil-premessi tac-citazzjoni taghha qed tattribwixxi n-nullita’ taz-zwieg in ezami fuq:-

*“Premess illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq d-drittijiet u d-dmirjiet essenzjali taghha jew b’ anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*Premess illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u tad-dritt ghall-att taz-zwieg;”*

Illi l-**Att dwar iz-Zwieg (Kap 255), artikolu 19 (1)** jistipula li:-

***(d)*** *il-kunsens tal-partijiet, jew ta’ xi wahda minnhom, kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; u/jew.*

***(f)** il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.*

Illi mill-provi migbura jirrizulta li :-

(a) L-eta' matura tal-partijiet; il-konvenut kellu sebgha u tletin (37) sena u l-attrici kellha tmienja u tletin (38) sena. Eta` meta, kif xehed il-konvenut *"either I settle down now or I never will" u ghalhekk kien fattur ewlieni fid-decizjoni tieghi li nizzewweg."*

(b) L-indecizjoni u ncertezzi tal-konvenut dwar ir-relazzjoni tal-partijiet qabel ma zzewgu.

(c) Il-kontendenti hassru r-relazzjoni taghhom diversi drabi qabel ma zzewgu, dana anke ftit zmien qabel iz-zwieg.

(d) Il-hajja tal-partijiet wara zwieg kienet bla nukleju ta' familja, fis-sens li l-kontendenti kienu jghixu taht saqaf wiehed izda jaghmlu attivitajiet separati. L-attrici kienet tqatta' hafna hin mal-familja taghha. Il-konvenut kien iqatta' hafna hin jistudja. Il-kontendenti jaqblu fix-xhieda taghhom li ftit li xejn kellhom hin wehedhom bhala familja.

(e) Il-fatt li kellhom finanzi separati u pjanijiet divergenti fuq l-infieq, ukoll turi bic-car li l-hajja bhala familja kienet inezistenti.

(f) Il-fatti juru li l-partijiet baqghu jghixu l-hajja taghhom bhal tfajla u guvni bla ebda kompromessi. Importanti x-xhieda tal-konvenut meta jitkellem fuq il-qtates li kellu: *"Jiena kont naf li l-qtates idejqu hafna lill-mara. Wara z-zwieg baqghu hemm bhal ma kienu qabel ma giet il-mara. Hija kienet taf bihom. Il-qtates kienu hemm qabel ma giet il-mara."* Filwaqt li l-attrici baqghet dedikata ghall-familja *"originali"* taghha akkost li tqatta' ftit hin mal-konvenut.

(g) In-nuqqas ta' gibda fil-hajja sesswali tal-partijiet ukoll tindika nuqqasijiet serji fir-relazzjoni tal-partijiet.

Illi l-attrici bbazat in-nullita` taz-zwieg fuq il-kunsens tal-konvenut taht **artikolu 19 (1) (d)**. Din l-Qorti fil-kawza **"Natasha Xuereb vs Randolph Xuereb"** (P.A. (RCP) deciza fis-26 ta' Novembru 2002, iddikjarat *"li b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx iffisser sempliciment kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku."* (ara f'dan is-sens **"Nicholas Agius vs Rita Agius"** deciza fil-25 ta' Mejju 1995).

Illi l-kunsens ta' zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u jikkrejaw familja. Dan jehtieg maturita` ta' hsieb fejn wiehed jaghraf l-obbligazzjonijiet u d-dmirijiet li tinvolvi l-hajja ta' zwieg. Il-kuncett ta' *discretio judicii* tirrikjedi konoxxenza tad-drittijiet, id-dmirijiet u l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga li dehlin fiha l-partijiet.

Illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak semplici rikjest fil-kuntratti in generali. Il-partijiet ghandhom mhux biss ikollhom il-kapacita` li jaghtu l-kunsens, izda jrid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti. L-awtur ***JR Keating*** jghid li biex iz-zwieg ikun validu *"when giving the consent the person must have enjoyed the degree of psychological freedom which is necessary and sufficient to ensure his basic powers of choice."*

Illi kif jispjega wkoll l-gurista ***Colagiovanni***: *"Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus … richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e per lo meno rescindibile, in casi determinanti dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta` dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita"* (**Forum 1990, Vol 1, part 1**, page 72)

Illi ***Dr. Abigail Attard***, fit-tezi taghha **"Grounds of Annulment of Marriage with special reference to Defects of a psychological nature in the light of the 1981 Amendments to the Marriage Act 1975"** tghid li d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"… suppose not only maturity of*

*intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly."*

Illi din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** deciza fl-4 ta' Novembru 1994, studjat il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju u dahlet fil-fond f'dak li jghid il-gurista ***Bersini***: *"La discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva …. La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' att da compiere, agli obbligi essenzjali da assumersi e ai diveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore."* (**Il Diritto Canonico Matrimoniale –** ***Bersini*** **- Torino 1994**).

Illi l-impenn ghall-futur jfisser l-obbligazzjonijiet essenzjali li minghajrhom l-unjoni ntima tal-hajja mizzewga ma tistax issehh, fosthom fedelta` u fiducja, il-permanenza taz-zwieg, u l-*benessere* reciproka tal-partijiet. Il-partijiet iridu jkunu kapaci jirriflettu fuq dawn l-obbligazzjonijiet u dmirijiet u jkunu kapaci jwettqu dawn tul il-hajja taghhom.

Illi dawn l-obbligazzonijiet essenzjali mhux definiti fil-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**. Din il-Qorti fil-kawza gja citata **"Natasha Xuereb vs Randolph Xuereb"** deciza fis-26 ta' Novembru 2002, spjegat: *"… dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an evironment conducive to the reception and eduction of children; and the obligation to receive and bring up children within the*

*context of a conjugal community…..these essential obbligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable….”* (***Viladrich, P.J.***, op. cit., p 687)

Illi jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju meta jkun hemm inkapacita` psikika, li mhux necessarjament timplika anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku. Din l-Onoroabbli Qorti fil-kawza **"Isabelle Attard vs Stephen Attard"** deciza fil-21 ta' Novembru 1995 osservat li d-difett ta' kunsens m' ghandux jigi ekwiparat ma' semplici nkompatibbilta` ta' karattru jew ma' decizjoni zbaljata.

Illi dina l-Qorti fil-kawza **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** deciza fl-14 ta' Awissu 1995, osservat: *"It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if anyone of the following three conditions or hypothesis is verified; (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering the marriage is lacking; (2) when the contracting party had not reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient wieghing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."*

Illi l-attrici bbazat in-nullita` taz-zwieg ukoll fuq difett tal-kunsens tal-konvenut taht **artikolu 19 (1) (f)**. Dan l-artikolu jirreferi kemm ghal simulazzjoni totali u kif ukoll parzjali. Din l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** deciza fit-30 ta' Lulju 1982 qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-*finis operis* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi din l-Qorti fil-kawza **"Alfred Tonna vs Maria Tonna"** deciza fil-31 ta' Dicembru 1996 iddikjarat li z-zwieg ikun null jekk fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali,

esternament u b'att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal-ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.

Illi din il-Qorti fil-kawza **"Thomas Azzopardi vs Mary Azzopardi"** deciza fis-16 ta' Dicembru 1996 ikkunsidrat l-kaz *"... ta' min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu jkun fil-fatt qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg."* Din il-Qorti kompliet tispjega l-gurista ***Castano,*** fejn jghid li l-eskluzjoni jinghad li trid tkun pozittiva fis-sens li mhux bizzejjed li jkun hemm in-nuqqas ta' ntenzjoni jew in-nuqqas ta' kunsens dwar iz-zwieg jew dwar xi elementi essenzjali, izda jrid ikun hemm volonta' ossia ntenzjoni pozittiva li teskludi dak iz-zwieg, jew dak l-element essenzjali.

Illi din l-Qorti fil-kawza **"Natasha Xuereb vs Randolph Xuereb"** deciza fis-26 ta' Novembru 2002 innotat: *"… taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg."*

Illi fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr Yana Micallef Stafrace et noe"** deciza fl-14 ta' Lulju 1994, elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta` tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta` u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied."* (ara **"Aquilina vs Aquilina"** deciza fit-30 ta' Jannar 1991).

Illi dwar il-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*consortium vitae,* inghad fil-kawza **"Magri vs Magri"** deciza fl-14 ta' Lulju 1994, qalet: *"Jekk din il-Consortium Vitae hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-Consortium Vitae tikkomprendi zewg*

*elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja."*

Illi mill-provi prodotti jidher li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat anke abbazi ta' dan l-artikolu *stante* li ma sar l-ebda tentattiv mill-ebda wahda mill-partijiet sabiex jghixu ta' familja flimkien, izda kull parti riedet taghmel dak li riedet hija u xejn izjed, b'dan li r-relazzjoni tal-partijiet kienet mill-bidu nett mimlija konflitti, li qatt ma rrisolvew ruhhom, anzi jidher li l-partjiet maz-zmien aktar tbeghdu minn xulxin. Dan huwa wkoll dovut ghall-fatt li min-naha tal-konvenut huwa zzewweg ghaliex kien wasal iz-zmien ghalih li jaghmel dan il-pass, u dan sar mal-attrici ghaliex hija kienet qed tohrog mieghu. Pero' mbaghad l-ebda mpenn ma gie nnutat la mill-konvenut u lanqas mill-attrici sabiex jghixu hajja komunali, tant li l-prokreazzjoni ta' l-ulied kienet ghal kollox estranea ghat-tnejn. Maz-zmien din is-sitwazzjoni kristallizzat ruhha, meta kull parti ndunat li l-ebda wahda minnhom ma' kienet lesta li taghmel *commitment* ghal dak li kien suppost nukleu gdid tal-familja, proprju ghaliex din il-koppja bhala familja qatt ma ezistiet.

Illi ghalhekk skond il-provi migbura u l-konsiderazzjonijiet tal-principji legali applikati ghall-kaz in ezami, jidher li n-nullita' ta' dan iz-zwieg fil-konfront tal-kontendenti gie ppruvat, u ghaldaqstant dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Illi in vista' ta' din il-konkluzjoni ma hemmx bzonn li jigi ezaminat l-**artikolu 19 (1) (b)** citat mill-konvenut, u dwar l-**artikolu 19 (1) (h)** msemmi mill-attrici fit-talba taghha dan certament ma japplikax ghall-kaz in ezami.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli

ma’ dak hawn deciz u premess, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-30 ta’ Lulju 1989 huwa null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta,** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

2. Tordna li dina n-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------